MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 9/2003

**Christianne Vella**

**vs**

**Ruben Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali illi gara fil-1 ta' Novembru 2002 fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex bejn il-vettura RUB 870 misjuqa minnek; u dik LCB 824 misjuqa mill-attrici; u konsegwentement tigi kundannat thallas id-danni kollha sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-istess incident, ghal liema incident tahti unikament inti minhabba illi ma osservajtx ir-regolamenti tat-traffiku soqt

b’mod traskurat, u inqast illi izzomm ‘a proper look out’ kif ukoll ghaliex inti oltrepassajt il-linja medjana.

Bl-interessi fuq din is-somma.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra nterpellatorja tat-18 ta’ Novembru 2002; u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-kumpannija assikuratrici tieghek.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-risposta:

“Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta’ din il-kawza sehh unikament tort ta’ sewqan traskurat, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha ta’ l-attrici kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attrici naqset milli zzomm *a proper lookout* u di fatti oltrepassat il-linja medjana u ghaldaqstant l-istess attrici hija unikament responsabbli ghall-incident;
2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attrici huwa wiehed esagerat.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali responsiva ta’ l-istess kumpanija assigurattrici tal-hamsa (5) ta’Frar, elfejn u tlieta (2003).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjha.”

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta kemm minn dak li ntqal lis-surgent a tempo vergine kif ukoll mid-deposizzjonijiet quddiem dan it-Tribunal, kemm mill-attrici u x-xhieda okulari li pproduciet, kif ukoll mill-konvenut u x-xhud tieghu, li l-attrici kienet wieqfa x'hin il-konvenut baqa' diehel gewwa fiha huwa u niezel fi Triq Fortunato Mizzi fid-direzzjoni tax-Xewkija. Jirrizulta wkoll illi huwa lanqas biss lemah lill-attrici u nduna biss wara li sehhet il-habta. Kemm qablu kif ukoll warajh fl-istess direzzjoni tieghu ghaddew karozzi li baqghu ghaddejjin bla problemi ta' xejn. Kien biss il-konvenut li habat mal-attrici. Dan juri nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan da parti tal-konvenut li kienet il-kawza prossima tal-incident.

Ma jirrizultax li l-attrici kienet qieghda tostakola l-karreggjata tal-konvenut.

L-attrici qalet ukoll li l-vettura taghha giet angolata kif jidher fl-iskizz billi ddawwret bl-impatt; difatti l-vettura taghha meta sehhet il-habta kienet prattikament parallela mat-tul tat-triq. Din il-verzjoni hija kkorroborata mija fil-mija mil-lokalizzazzjoni u t-tip tal-hsarat sofferti – li huma t-tnejn fuq il-genb lemini ta' quddiem taz-zewg karozzi rispettivi u migburin lura.

Dwar il-quantum tal-hsarat, iridu jitnaqqsu LM20 mill-ammont mitlub ta' LM587.52 minhabba zball da parti tal-panel beater.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba; isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident, jikkundannah ghall-hlas ta' LM567.52 bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18.09.2002 u tal-ittra uficcjali pprezentata kontestwalment mal-prezentata tal-avviz a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------